

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u P. Mihaylova, aġenti)

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *GX huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostruti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(¹) ĠU C 221, 10.7.2017.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Frar 2018 – HB et vs Il-Kummissjoni Ewropea (Kawża C-336/17 P) (¹)

(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Dritt istituzzjonali — Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropea “Ethics for Animals and Kids” — Protezzjoni tal-animali mitlufin — Effetti psikoloġiċi fuq l-adulti u t-tfal — Rijfut ta’ reġistrazzjoni tal-inizjattiva minħabba nuqqas manifest tas-setgħat tal-Kummissjoni Ewropea f'dan il-qasam — Regolament (UE) Nru 211/2011 — Artikolu 4(2) (b) — Artikolu 4(3))

(2018/C 142/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: HB, Robert Coates Smith, Hans Joachim Richter, Carmen Arsene, Magdalena Anna Kuropatwinska, Christos Yiapanis, Nathalie Louise Klinge (rappreżentant: P. Brockmann, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: H. Krämer, aġent)

Dispożittiv

1. *L-appell huwa miċħud.*
2. *HB, Robert Coates Smith, Hans Joachim Richter, Carmen Arsene, Magdalena Anna Kuropatwinska, Christos Yiapanis u Nathalie Louise Klinge, minn naħa, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, min-naħa l-oħra, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

(¹) ĠU C ##, ##.

Appell ippreżzentat fil-5 ta' Settembru 2017 minn Isabel Martín Osete mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fid-29 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-427/16, Martin Osete vs EUIPO

(Kawża C-529/17 P)

(2018/C 142/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Isabel Martin Osete (rappreżentant: V. Wellen, avocat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Frar 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddikjarat l-appell inammissibbli.

Appell ippreżzentat fl-10 ta' Diċembru 2017 minn BMB sp. z o.o. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla) fit-3 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża T-695/15 – BMB sp. z o.o. vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-693/17 P)

(2018/C 142/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: BMB sp. z o.o. (rappresentant: K. Czubkowski, radca prawny)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Ferrero SpA

Talbiet

L-appellant titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝernali (L-Ewwel Awla) tat-3 ta' Settembru 2017 fil-Kawża T-695/15, li ġiet innotifikata lill-appellant fil-11 ta' Ottubru 2017; u
 - tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Settembru 2015 fil-Kawża R 1150/2012-3;
- sussidjarjament, tannulla s-sentenza u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġeneral iż-żejjek il-kawża ma tkunx fi stat li tiġi deċiża.

L-appellant titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura:

- tikkundanna lil Ferrero SpA u lill-EUIPO għall-ispejjeż marbuta mal-appell preżenti; u
- tikkundanna lil Ferrero SpA u lill-EUIPO għall-ispejjeż imġarrba mill-appellant quddiem il-Qorti Ġeneral, u
- tikkundanna lil Ferrero SpA għall-ispejjeż imġarrba quddiem l-EUIPO relatati mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellant tinvoka żewġ aggravji.

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (¹) minħabba żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni:

- i. sa fejn ir-rappreżentazzjoni grafika tat-trade mark preċedenti hija inkluża fid-disinn ikkонтestat;
- ii. sa fejn it-trade mark preċedenti u d-disinn ikkонтestat huma ferm simili; u
- iii. sa fejn il-Bord tal-Appell wettaq żball meta kkonstata li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark preċedenti u d-disinn ikkонтestat.